# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 30 ta' Ottubru 2015**

**Numru**

**Rikors numru 472/2007 FS**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**v.**

**1. Carmelo Farrugia Melfar Ltd;**
**2. Joseph u Brenda miżżewġin Farrugia;**
**3. Carmelo u Carmelina miżżewġin Farrugia**

1. Dan huwa appell tal-intimati *Carmelo Farrugia Melfar Limited et* ["l-intimati"] minn dikriet li laqa' talba tar-rikorrenti *Bank of Valletta p.l.c.* ["ir-rikorrenti"] magħmula taħt l-art. 258(*ċ*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għall-esekuzzjoni ta' kuntratt pubbliku wara l-għeluq taż-żmien imsemmi f'dak il-pargrafu. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. B'kuntratt tad-29 ta' Frar 2000 fl-atti tan-Nutar Victor John Bisazza, l-intimati għarfu li għandhom jagħtu lir-rikorrenti s-

somma vera, ċerta u likwida ta' erba' mija u sitta u erbgħin elf, sitt mija u tmienja u disgħin lira ta' Malta (Lm446,698), flimkien mal-imgħax u l-ispejjeż. Billi kienu għaddew aktar minn ħames snin[1] minn dikinhar li fih il-kuntratt seta' jiġi esegwit, ir-rikorrenti talbet illi l-qorti tawtorizza l-esekuzzjoni tal-kuntratt. L-intimati wieġbu li t-talba għandha tiġi miċħuda billi ma humiex debituri tar-rikorrenti.

3. B'dikriet tat-18 ta' Ottubru 2011 li minnu sar dan l-appell l-ewwel qorti laqgħet it-talba tar-rikorrenti u awtorizzat l-esekuzzjoni tal-kuntratt għas-somma ta' miljun, erba' mija tmienja u ħamsin elf, sitt mija u sebgħa u tmenin euro u wieħed u erbgħin ċenteżmu (€1,458,687.41) "inkluż l-imgħaxijiet ... ... ... sal-15 ta' Awissu 2008 ... ... ... *oltre* mgħaxijiet sad-data tal-ħlas".

4. Fil-konsiderazzjonijiet tagħha l-qorti osservat illi l-intimati "qegħdin jibbażaw parti mid-difiża tagħhom fuq il-kunċett tal-*ultra duplum* – li l-imgħax ma għandux jeċċedi l-kapital fil-kuntratt tal-mutwu". Din ir-regola, kompliet tgħid l-ewwel qorti, "hija applikabbli għall-kuntratt ta' mutwu", iżda "mhux applikabbli għal kuntratt ta' *overdraft*" u wkoll "mhix applikabbli fil-każ ta' kanonizzazzjoni ta' flus b'sentenza". Fil-każ ta' dejn kanonizzat

[1] L-art. 258(*ċ*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid illi l-proċedura ta' rikors taħt dak l-artikolu hija meħtieġa għall-esekuzzjoni ta' kuntratt pubbliku dwar dejn ċert, likwidu u li għalaq wara li jkun għaddew tliet snin (mhux ħamsa) minn dakinhar meta l-kuntratt seta' jiġi esegwit.

b'sentenza l-imgħaxijiet ma jintlaqtux b'dik ir-regola għax huma regolati, minflok, bl-art. 1139 tal-Kodiċi Ċivili:

> **"1139.** … … … jekk l-obbligazzjoni jkollha biss bħala oġġett il-ħlas ta' somma determinata, id-danni li jiġu mid-dewmien tal-esekuzzjoni tagħha jkunu jikkonsistu biss fl-imgħaxijiet fuq is-somma li jkollha tingħata meqjusin bit-tmienja fil-mija fis-sena."

5. Il-qorti mbagħad ikkonkludiet billi għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

> "L-intimati jsostnu li l-imgħax kellu jgħaddi fuq il-kapital biss u mhux il-kapital u l-imgħax. L-intimati sostnew li bil-mod kif inħadmu l-kontijiet mill-bank dan iwassal għal interessi komposti. Il-qorti tirrileva però li dak li hemm fil-kostituzzjoni ta' debitu ma jistax jiġi attakkat sakemm ma jinġibux provi ta' kawża li tattakka l-istess kuntratt jew xi ittra tal-bank ta' rinunzja. Imkien matul il-proċeduri ma ġie asserit li l-kostituzzjoni ta' debitu huma żbaljati. Jidher ċar li hemm is-somma likwidata u wara l-imgħax għaddejjin. Il-qorti ma tħossx li ghandha tvarja b'ebda mod il-konteġġi magħmula mill-bank għax dawn jidhru validi u infatti l-unika asserzjoni tal-intimati hija l-metodu kif inħadmu l-imgħaxijiet, ma' liema sottomissjoni din il-qorti ma taqbilx."

6. L-intimati appellaw minn dan id-dikriet b'rikors tas-7 ta' Novembru 2011 li għalih ir-rikorrenti wieġbet fil-25 ta' Novembru 2011. L-aggravji tal-intimati huma (i) illi d-dikriet appellat imur *ultra petita* għax it-talba tar-rikorrenti kienet biss biex tiġi awtorizzata tesegwixxi l-kuntratt, bl-ispejjeż, u ma kien hemm ebda talba għal-likwidazzjoni tal-ammont dovut, u (ii) illi, ukoll jekk il-qorti kellha tagħmel likwidazzjoni tal-ammont li għandu jitħallas, "dan kellu jkun f'forma ta' x'inhu s-*sorte* u minn meta kellu jibda jgħaddi l-imgħax fuq is-*sorte*" u mhux "somma waħda mingħajr distinzjoni bejn *sorte* u mgħax", sabiex tkun tista' tara

jekk l-imgħax qabiżx il-kapital, bi ksur tal-projbizzjoni ta' mgħaxijiet *ultra duplum*.

7. Dwar l-ewwel aggravju – li l-ewwel qorti kellha biss tilqa' jew tiċħad it-talba għall-esekuzzjoni tal-kuntratt u mhux ukoll tgħid x'fadal li jitħallas taħt il-kuntratt – din il-qorti tosserva illi, kif sewwa tgħid ir-rikorrenti fit-tweġiba tagħha għall-appell, l-eserċizzju li għamlet l-ewwel qorti kien meħtieġ fid-dawl tal-kontestazzjoni tal-intimati "illi huma mhux debituri". Biex tara jekk dan huwiex minnu jew le l-ewwel qorti kellha bilfors tagħmel l-eserċizzju li tqabbel iċ-ċifra msemmija fil-kuntratt biex iżżid l-imgħaxijiet li jiżdiedu mad-dejn u tnaqqas il-ħlasijiet li saru akkont. Hekk biss l-ewwel qorti setgħet tara jekk l-intimati humiex debituri u, jekk iva, ta' kemm.

8. L-ewwel aggravju huwa għalhekk miċħud.

9. It-tieni aggravju ġie mfisser hekk:

> "Fit-tieni lok anki jekk għal grazzja tal-argument l-ewwel onorabbli qorti setgħet tagħmel il-likwidazzjoni *ossia* kalkolu tal-ammont dovut, dan kellu jkun f'forma ta' x'inhu s-*sorte* u minn meta kellu jibda jgħaddi l-imgħax fuq dak is-*sorte*. Fis-sentenza appellata l-ewwel onorabbli qorti ma għamlet xejn minn dan u llikwidat l-ammont li dehrilha dovut mill-appellanti f'somma waħda mingħajr distinzjoni bejn *sorte* u imgħax.
>
> "*Inoltre*, meta għamlet dan l-ewwel onorabbli qorti ma segwietx il-prinċipji legali bażiċi f'dan il-kamp.
>
> "Illi r-rikors promutur ippreżentat mis-soċjetà appellata mhux rikors biex tordna l-esekuzzjoni ta' sentenza li minħabba it-trapass taż-żmien ma setgħetx tiġi esegwita mingħajr awtorizzazzjoni speċifika mill-qorti. Ir-rikors promotur huwa sabiex is-soċjetà appellata tiġi awtorizzata tesegwixxi kuntratt ta'

kostituzzjoni ta' debitu. Issa filwaqt li f'sentenza s-*sorte ossia* l-kapital ikun speċifikat b'mod separat u b'mod ċert u l-imgħaxijiet indikati li għandhom igħaddu minn data speċifikata u bl-liema rata ta' mgħax, fil-każ odjern meta wieħed jara l-kuntratt in kwistjoni minn din iċ-ċarezza m'hemm xejn. Dan huwa importanti li jiġi kkunsidrat minħabba illi f'każ ta' kostituzzjoni ta' debitu bħal dak in kwistjoni, il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu ma jikkostitwixxix novazzjoni imma huwa intiż (u mhux dejjem jirnexxilu) jekk redatt tajjeb illl jikkristallizza sitwazzjoni fattwali u legali.

"Fil-każ odjern il-bank appellat kien ta faċilità ta' *overdraft* ta' Lm200,000 u self ta' Lm15,000 lis-soċjetà appellanti b'kuntratt tad-29 ta' Ottubru 1991. Is-soċjetà appellanti ġiet moruża fil-ħlasijiet u fuq talba tal-bank appellat hija, flimkien mal-appellanti l-oħra bħala garanti solidali, wara ħlasijiet akkont tal-kapital wara l-*call in*, ikkostitwiet ruħha vera, ċerta u liwkida debitriċi fis-somma ta' Lm446,698, liema somma tinkludi l-imgħaxijiet dovuti sa dik id-data. L-istess kuntratt ikompli jgħid "*interest shall continue to accrue at such rate at the bank's sole discretion not exceeding the maximum rate allowed by law*".

"L-esponenti jissottomettu illi skond l-istess kuntratt ladarba d-diċitura użata hija "*interest shall continue to accrue*", jidher ċar illi l-intenzjoni tal-partijiet kienet illi l-imgħax kellu jibqa' għaddej fuq is-*sorte* li kien dovut u mhux fuq is-somma komplessiva tas-*sorte* u mgħax. Li kieku kien mod ieħor il-kuntratt kien jgħid "*interest shall accrue on the said sum*". Iżda l-partijiet ma għażlux hekk. Issa l-bank appellat ma jistax jinterpreta l-kuntratt bħallikieku kien hemm ftehim li jgħaddi mgħax fuq is-*sorte* u l-imgħax iddikjarat bħala dovut bl-imsemmi kuntratt tal-2000. Il-kuntratt tal-2000 huwa intenzjonat biss biex ikun hemm ftehim fuq l-ammont dovut u xejn aktar. Din l-interpretazzjoni l-ewwel onorabbli qorti skartata kompletament (minkejja enfasi mill-appellanti fit-trattazzjoni finali quddiemha) u għalhekk il-bażi legali u fattwali kollha ta' kif l-ewwel onorabbli qorti waslet għall-ammont imsemmi fid-*decide* tas-sentenza hija kompletament ħażina.

"L-ewwel onorabbli qorti fis-sentenza tagħha assmumiet li kienet talba għal ħlas, meta fil-fatt dan mhux minnu. Jidher illi l-ewwel onorabbli qorti tfixklet fin-natura tal-proċeduri quddiemha b'kawża għal kanonizzazzjoni ta' kreditu, meta dan ma kienx minnu. Iżda anki jekk għal grazzja tal-argument wieħed kellu jimmaġina li din it-talba kienet hemm (jiġifieri li l-proċeduri kienu għal kanonizzazzjoni ta' kreditu), f'każ ta' mutwu huwa paċifiku illi l-imgħax ma jistax jeċċedi l-kapital. Dan l-istess l-ewwel onorabbli qorti stqarrietu, iżda mbagħad marret biex tgħid illi l-kreditu tas-soċjetà appellata kien ġej minn *overdraft*. Imma dan mhux minnu. Fil-każ odjern il-kreditu huwa naxxenti minn self sempliċi u mhux minn *overdraft*. Għalhekk l-argumenti użati mill-ewwel onorabbll qorti għar-rigward ta' *overdraft* huma

> kompletament irrilevanti għall-każ odjern. Jigi rilevat illi fi kwalunkwe każ huwa paċifiku wkoll illi filwaqt li jkun għadu qed jiġi operat *overdraft* hu veru illi l-prinċipju tal-*ultra duplum* ma japprikax; meta jkun hemm *call in* l-*overdraft* tiġi kkunsdirata bħal self (*mutuum*) minn dak il-mument 'il quddiem u minn dak il-mument 'il quddiem japplikaw ir-regoli tas-self ukoll għal dak li jirrigwarda l-imgħax.
>
> "Jiġi rilevat ukoll illi l-esponenti qatt ma ssottomettew li kienu qed jattakkaw ir-validità *o meno* tal-kuntratt tas-sena 2000.
>
> "L-esponenti ssottomettew illi l-istess ammont imsemmi fl-att tas-sena 2000 jikkonsisti f'*sorte* (kapital) u imgħax. Il-bank appellant ma ġab ebda prova fiex dan l-amnont kien jikkonsisti u għalhekk l-ewwel onorabbli qorti ma setgħet tasal għal ebda konklużjoni dwar l-ammont fil-fatt dovut. *Inoltre*, l-esponenti ssottomettew *diskette* mogħtija lilhom mill-bank stess li tindika b'mod inekwivokabbli illi l-ħlasijiet li kellhom isiru kellhom kuntrarjament għas-sistema normali jiġu approprijati għall-kapital u mhux għall-imgħax u dan sakenm jinbigħu il-proprjetàjiet tas-soċjetà appellanti. L-unika prova li kellhom l-appellanti kienet biss id-*diskette* għax kull xhud imtella' minnhom li kien u / jew għadu impjegat tal-bank ma seta' jiftakar xejn dwar din id-*diskette*. L-ewwel onorabbli qorti minflok qagħdet fuq l-aktar ħaġa konkreta u tanġibbli (bħal *diskette* li fil-*properties* tagħha turi biċ-ċar min kien ħoloqha) ekwivalenti għal kitba ippreferiet issostni mingħajr ebda ġustifikazzjoni li din il-prova mhijiex konvinċenti. Għalhekk l-ewwel onorabbli qorti meta sostniet hekk neħħiet kriterju li seta' jwassal għall-ammont dovut."

10. Il-kwistjonijiet essenzjalment huma tnejn: (i) l-imgħaxijiet fuq id-dejn tal-intimati jintlaqtu bir-regola ta' *ultra duplum*? Jekk jintlaqtu, trid imbagħad tara (ii) jekk, bil-kuntratt tad-29 ta' Frar 2000, li qiegħda tintalab l-esekuzzjoni tiegħu, l-imgħaxijiet li għaddew sa dakinhar ġewx kapitalizzati jew le. Jekk iva, ir-regola *ultra duplum* toqot biss l-imgħaxijiet minn dakinhar tal-kuntratt sallum; jekk le, trid tqis ukoll l-imgħaxijiet li għaddew sa dakinhar tal-kuntratt biex tista' tgħid jekk, flimkien, jaqbżux il-kapital.

11. Il-kuntratt tad-29 ta' Frar 2000 fl-atti tan-Nutar Victor John Bisazza jgħid hekk fil-parti li hija relevanti għal din il-vertenza:

> "Whereas the Bank had granted the Debtor the following banking facilities, namely:
>
> "a. Overdraft and other banking facilities up to a maximum limit of two hundred thousand Maltese liri (Lm200,000) … … …
>
> "… … …
>
> "and
>
> "b. a Loan facility of fifteen thousand Maltese liri (Lm15,000) … … …
>
> "… … …
>
> "Now therefore, the Debtor, hereby constitutes itself true, certain and liquid debtor in favour of the Bank, which accepts, in the global sum of four hundred and forty six thousand thousand six hundred and ninety eight Maltese liri (Lm446,698) inclusive of accrued interest to date. … … …
>
> "Interest shall continue to accrue at such rate at the Bank's sole discretion not exceeding the maximum rate allowed by law."

12. L-ewwel kwistjoni mela hija jekk id-dejn jintlaqatx bir-regola *ultra duplum*.

13. Ir-regola li l-imgħax ma jistax jitla' aktar mill-kapital hija regola ġejja mid-dritt Ruman, kodifikata fil-*Lex* 27 *Cod. de usuris* — li tgħid illi l-imgħax mhux imħallas ma jistax jitla' aktar mill-kapital — u fin-Novelli 121 u 138 — li jgħidu li l-imgħax kollu, ukoll dak ġà mħallas, ma jistax ikun aktar mill-kapital[2]. Dawn kienu uħud minn serje ta' interventi leġislativi maħsuba biex iħarsu lid-debitur, fosthom il-*leges fenebres* u r-regola kontra l-anatoċiżmu,

[2] Għalkemm il-*lex de usuris* hija parti mid-dritt Malti, in-Novelli 121 u 138 ma kinux inkorporati: ara John Francia *nomine v.* Alfredo Apap, Kumm. 15 ta' Jannar 1935, Vol. XXIX-III-73, u Caterina Bonello *et v.* Giuseppa Lanzon, 14 ta' Jannar 1964, Vol. XLVIII-III-1363.

li nsibuha wkoll fil-Kodiċi Ċivili. Dawn il-provvedimenti kienu jolqtu l-imgħaxijiet konvenzjonali, *i.e. usuræ in obligatione*, u mhux *usuræ quæ officio iudicis præstantur*.

14. Barra minn hekk, ġie stabilit ukoll illi r-regola *ultra duplum* ma tolqotx imgħaxijiet fuq il-passiv fejn tingħata faċilità ta' *overdraft*[3].

15. Qalet sew għalhekk l-ewwel qorti illi r-regola "hija applikabbli għall-kuntratt ta' mutwu", iżda "mhux applikabbli għal kuntratt ta' *overdraft*" u wkoll "ma hix applikabbli fil-każ ta' kanonizzazzjoni ta' flus b'sentenza", għalkemm imbagħad jidher illi qieset dejn kanonizzat b'kuntratt bħallikieku huwa kanonizzat b'sentenza għall-għanijiet tal-esenzjoni mill-*ultra duplum*. Id-dejn kanonizzat b'kuntratt, iżda, ma huwiex dovut *officio iudicis.* Fil-każ tallum id-dejn huwa kanonizzat, iżda b'kuntratt pubbliku mhux b'sentenza, u għalhekk safejn huwa self u wkoll safejn huwa *overdraft* wara l-"*call in*" jintlaqat bir-regola *ultra duplum*.

16. It-tieni kwistjoni hija jekk l-imgħaxijiet li jifformaw parti mis-"somma globali" kanonizzata ta' erba' mija u sitta u erbgħin elf, sitt mija u tmienja u disgħin lira ta' Malta (Lm446,698) ġewx kapitalizzati bis-saħħa tal-kuntratt tad-29 ta' Frar 2000.

---

[3] Ara Edwin Vassallo *nomine v.* Salvatore Ballucci, P.A. 30 ta' April 1947, Koll. XXXIII-II-64.

17. Safejn l-imgħaxijiet huma fuq l-*overdraft* dawn ġew kapitalizzati bis-saħħa tan-natura tal-kuntratt innifsu, u għalhekk kienu kapitalizzati wkoll qabel il-kuntratt tad-29 ta' Frar 2000.

18. Dwar l-imgħaxijiet fuq is-self u l-imgħaxijiet fuq l-*overdraft* wara l-"*call in*" il-qorti tifhem illi, ladarba ssemmiet somma speċifika – dik ta' erba' mija u sitta u erbgħin elf, sitt mija u tmienja u disgħin lira ta' Malta (Lm446,698) – bħala s-somma dovuta, mingħajr ma nqasmet bejn kapital u mgħax, iżda biss bħala somma waħda globali, din hija indikazzjoni ċara illi l-kapital u l-imgħax qegħdin jitqiesu bħala somma waħda u li, għalhekk, l-imgħax ġie assimilat mal-kapital: fi kliem ieħor, li l-imgħax dovut sa dakinhar ġie kapitalizzat. L-argument tal-intimati, imsejjes fuq il-kliem "*interests shall continue to accrue*", ifisser biss illi l-imgħaxijiet, għalkemm dawk akkumulati sa dakinhar ġew kapitalizzati, ma waqfux iżda jkomplu għaddejjin fuq il-kapital, magħduda l-imgħaxijiet kapitalizzati, dovut minn dakinhar tal-kuntratt

19. Ir-regola *ultra duplum* għalhekk tolqot il-kapital "ġdid" ta' erba' mija u sitta u erbgħin elf, sitt mija u tmienja u disgħin lira ta' Malta (Lm446,698) u tfisser illi, sakemm ma ssirx kapitalizzazzjoni oħra kif igħid l-art. 1142 tal-Kodiċi Ċivili, l-imgħaxijiet minn dakinhar tal-kuntratt ma jistgħux jaqbżu l-kapital. Għalhekk id-dejn b'kollox jista' jitla' biss sa tmien mija u tlieta u disgħin elf, tliet mija u sitta u disgħin lira ta' Malta

(Lm893,396) jew żewġ miljuni, wieħed u tmenin elf u tnejn u ħamsin euro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€2,081,052.88), li ma jeċċedix is-somma ta' miljun, erba' mija tmienja u ħamsin elf, sitt mija u sebgħa u tmenin euro u wieħed u erbgħin ċenteżmu (€1,458,687.41) – li tiġbor fiha s-self, l-*overdraft* u l-imgħaxijiet relativi sa dakinhar – imsemmija mill-ewwel qorti.

20. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-appell u tikkonferma d-dikriet appellat.

21. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, kif ukoll l-ispejjeż tal-esekuzzjoni, iħallsuhom l-intimati.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
df